**4 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Anglu Fenech *pro. et noe*

*versus*

Carmelo Callus *et*

**Il-Liġi ta' l-Istampa – Il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani.**

*Il-posizzjoni dwar il-liġi ta' l-Istampa (Kap. 248) tbiddlet fl-1987 għaliex bil-Kap 319 partijiet sostnazjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti.*

*Allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jieħdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni li ġew inkorporati iżda wkoll il-ġurispundenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani.*

Il-Qorti:-

1. Fil-ħarġa tal-gazzetta "Il-Mument" ta' l-4 ta' Marzu, 1990, ġie ppubblikat artikolu iffirmat minn Frank Attard bl-isem "Politiku mingħajr fruntieri" li l-aħħar paragrafu tiegħu jgħid:-

"Il-GWU jekk hi kapaċi twaqqa' l-fruntieri tagħha u tinqata' mis-Soċjaliżmu, tista' xi darba tikseb kredibbilità .... Il-mafjużi, meta jagħtu xi tir fuq xi ħadd, imorru għall-funeral tiegħu b'turija ta' solidarjetà. Hekk għamlet il-GWU, meta tellfet il-ħobż lill-ħaddiema, sejħet il-ħaddiema l-oħra b'turija ta' solidarjetà mat-telliefa. Id-demokrazija tipprotegi l-unions u tħallihom jaħdmu fil-libertà biex jiddefendu d-drittijiet tal-ħaddiema huma min huma . Id-demokrazija għandha 'policy' onesta u miftuha mingħajr fruntieri, biex min ħaqqu jirbaħ u jieħu r-rebħa";

2. L-attur espona illi dawn il-kliem tawh malafama u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivivli biex tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsuh id-danni li l-istess Qorti għandha tillikwida favur tiegħu;

3. Il-konvenuti opponew illi dak li nkiteb mhuwiex malafamanti imma huwa biss espressjoni ta' opinjoni kif din hija ggarantita mill-Konstituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja;

Paul Spiteri iddikjara li ma qarax l-artikolu;

4. Fit-28 ta' Ottubru, 1991, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, iddeċidiet il-kawża billi rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u laqgħet it-talbiet attriċi u kkondannat lill-konvenuti li jħallsu lill-attur "*propio et nomine* " ħames mitt lira (LM500) danni, LM450 minn Carmelo Callus u LM50 minn Paul. *Is-sentenza intiera hija prodotta fi skeda separata annessa* ma' din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell;

5. Il-konvenuti ressqu appell fuq dawn il-argumenti:-

(a) illi parti ta' l-artikolu impunjat tesprimi opinjoni u valutazzjoni ta' l-avveniment li kien ġara bl-għeluq tal-Lukanda Phoenicia;

(b) l-artikolu għamel sempliċiment paragun;

(c) il-fatti interpretati mhumiex foloz imma veritjeri;

(d) dak kollu li hemm fl-artikolu huwa ggarantit minn dak li hemm fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjni tad-Drittijiet tal-Bniedem – artikoli 41 u 10 rispettivament;

6. Fl-eċċezzjonijiet oriġinali tagħhom il-konvenuti, kontra dak li trid il-liġi, kienu ġeneriċi kemm jistà jkun, u kienu sodisfatti bir-ripulsa ġenerali:-

"illi m'hemm xejn libelluż jew malafamanti fl-artikolu";

7. Il- fatti li, skond huma, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dak li huwa maħsub infamanti, huwa espressjoni ta' opinjoni wara evalwazzjoni tal-fatti – issemmew l-ewwel darba fix-xhieda tal-konvenut Carmelo Callus, u dan qal hekk:-

"L-isfond ta' meta nkiteb dan l-artikolu, huwa, li dak iż-żmien kien hemm kwistjoni dwar il-lukanda Phoenicia u dak iż-żmien id-diskors li għamel l-attur, huwa kien qal li jiġri x'jiġri, l-imsemmija lukanda tibqà miftuħa u l-impjegati tagħha jibqgħu fl-impjieg tagħhom. Fil-fatti ġara li l-lukanda għalqet minħabba l-azzjoni industrijali u l-impjegati sfaw bla xogħol;

Wara li għalqet il-lukanda, il-Generali Workers Union

waqqfet fond biex tgħin lill-ħaddiema kkonċernati, finanzjarjament''; (fol.21);

8. L-attur xehed ukoll fuq *il*-fatti u q*al hekk*:-

''Il-kwistjoni tal-Phoenicia bdiet fid-9 ta' Frar, 1990, meta tkeċċew il-ħaddiema tagħha. Sa fejn naf jiena, dak iż-żmien, jiena ma għidtx diskors fis-sens li jiġri x'jiġri l-General Workers Union mhix ser iċċedi. Però fit-3 ta' Jannar, 1990, kont għidt dan il-kliem: ''Il-Union determinata fil-kwistjoni tal-Phoenicia u lesta li anke jekk il-Managment jiddeċidi li jgħalaq il-lukanda, il-Generali Workers Union ma ċċedix'';

Fit-30 ta' Diċembru, 1990, waqt is-''*sit in*'' tal-ħaddiema tal-Phoenicia, jien għidt, ''il-General Workers Union mhux ser iċċedi mill-prinċipji tagħha, jiġri x'jiġri, u fil-każ tal-lukanda Phoenicia, jekk ikun hemm bżonn, l-azzjonijiet ikomplu jiħraxu'';

Fil-fatt il-lukanda Phoenicia, għalqet u l-ħaddiema tilfu l-paga u ix-xogħol;

Il-fond ta' solidarjetà, il-General Workers Union fetħitu waqt l-azzjoni industrijali u qabel għalqet il-lukanda;

Sa issa, il-General Workers Union minn dan il-fond tat lill ex-ħaddiema tal-Phoenica, is-somma ta' ħamsin elf lira u għandha tagħtihom il-flus sa llum'';

9. Wara dawn id-deposizzjonijiet, allura, kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti, ippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet u l-fatti ġew ikkummentati u daħlu fil-kawża. Għalhekk il-

konvenuti ġew intitolati li, fl-aggravji tagħhom jagħmlu riferiment għall-"fatti" li għalihom ma kienu għamlu ebda aċċenn fin-nota ta' eċċezzjonijiet;

10. Dan kollu kellu jingħad għaliex fuq dan l-aspett fattwali, m'hemm assolutament xejn fis-sentenza appellata u għalhekk dak li se jingħad aktar 'l isfel, altirmenti, ma jiftihemx;

Iż-żewġ versjonijiet tal-fatti huma sostanzjalment konverġenti;

11. Il-punt fokali tal-kawża, iżda, qiegħed fl-insistenza tal-konvenuti li dak li hemm fl-artikolu impunjat huwa ammissibbli, mhux tant mil-liġi ta' l-Istampa Kap.248 waħeda, imma minn kif din trid tiġi interpretata meta, kontemporanjament jiġu kkonsidrati l-artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Din il-Qorti taħseb, illi l-artikolu 41 tal- Kostituzzjoni seta' ġie kkonsidrat minn dawn il-Qrati, matul dawn is-snin, mill-1964 'l hawn, fis-sens illi l-ġurisprudenza mibnija fin-numru pjuttost kbir ta' sentenzi kemm qabel u kemm wara l-liġi ta' l-Istampa rinnovattiva li saret fl-1974, tat każ u kkonsidrat jekk hemmx konkordanza o meno bejn il-garanzija kostituzzjonali u l-istess Kap.248;

13. Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 għaliex bl-Att XIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jieħdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni li ġew inkorporati iżda wkoll il-ġurisprudenza tal-Qorti

Ewropeja tad-Drittijiet Umani għaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min iħossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati għar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali reċepiti b'dik il-liġi, għandu aċċess għal dik il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani;

14. Għal din ir-raġuni, ġalabrata d-difiża f'din il-kawża hija totalment ibbażata fuq dik il-ġurispudenza ta' dik il-Qorti Ewropeja, din il-Qorti hija obbligata li teżamina l-materja ta' din il-kawża fl-isfond ta' dik il-ġurisprudenza;

15. Il-ġiurisprudenza hija mibnija madwar dak li hemm fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni:-

"1. *Everyone has the right of freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers. This article shall not prevent States from requiring the licensing of broadcasting, television or cinema enterprises;*

2. *The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsablities may be subject to such formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the preventation of disorder or crime, for the protection of health or morals, for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclusoure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary;*"

16. L-ewwel punt stabbilit mill-ġurisprudenza msemmija huwa li l-Konvenzjoni fis-subartikolu 2, hawn ikkwotat, tħalli f'idejn id-diversi Stati, li jissottoskrivu l-Konvenzjoni, li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' espressjoni u li jillimitawhom skond l-esiġenzi imsemmija fis-subarikolu, u dan, il-Qorti tiddiskrivih hekk:-

*"Consequently, Article 10 (2) leaves to the Contracting States a margin of appreciation"*

*(29.4.1976 – Handyside Case – Series A. Vol. 24 pag.22);*

però:-

*"Nevertheless, article 10 (2)* ***does not*** *give the Contacting States an* ***unlimited*** *power of appreciation. The Court....is responsible for ensuring the observances of those States' engagements (article 19) is empowered to give the* ***final*** *ruling, ow whether a "restriction" or "penalty" is reconcilable with freedom of expression as protected by article 10.* ***the domestic margin of appreciation thus goes hand in hand with a European supervision.*** *" (ibid. pag. 23);*

Kif se jidher aktar 'l isfel, din biż-żmien bdiet tissejjaħ "*the Court's supervision*" imma din il-Qorti ta' l-Appell tippreferi l-espressjoni "*the Convention's supervision*" għaliex il-Qorti Ewropeja, wara kollox, il-Konvenzjoni tapplika u mhux il-volontà jew il-fehma, li tistà tkun temporanja, tal-Qorti;

Dan il-prinċipju ġurisprudenzjali tal-Qorti Ewropeja jispjega għaliex din il-qorti kitbet il-paragrafu 13 supra, u għaliex issa

l-Qrati tagħna jridu jagħmlu dan l-eżerċizzju u jikkonfrontaw ukoll din il-gurisprundenza europej. Billi m'hemmx dubju li issa dik il-Qorti Ewropeja tirritjeni illi:-

...*"it is in no way the Court's task to take the place of the competent national courts but rather* ***to review under Article 10 the decisions they delivered in the exercise of their power of appreciation*** *"*;

u (ibid. pag. 23)

*"....the court exercises its supervision in the light of the case as a whole"*;

Il-konsegwenza, naturalment, hija li din il-Qorti ta' l-Appell m'għandhiex tgawdi dik il-posizzjoni ta' prominenza ġerarkika fid-deċiżjoni tagħha u trid tistudja biex tara għandhiex issegwi, fil-ġurisprudenza tagħha, dik tal-Qorti Europea, u jekk le – tagħti r-raġunijiet għaliex se tiddipartixxi minnha;

17. L-ewwel punt ġurisprudenzjali ta' importanza li jrid jiġi kkunsidrat huwa dak li jispjega x'tifhem il-Qorti Europea bil-kliem ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni:-

*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or*

*regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerence and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "fomality", "condition", "restriciton" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued" (ibid.);*

Din il-ġurisprundenza li wessgħet sensibbilment l-area tal-leġġittimità tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mill-liġijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati speċjalment għal dak li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-Istampa;

18. Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata u applikata għal diversi sferi partikolari, u f'dan l-eżerċizzju kompliet tiġi amplifikata. Hekk, per eżempju, ġara fil-kamp ta' l-istitut tad-Disprezz ta' l-Awtorità tal-Qorti, li jinteressa lilna wkoll għaliex jifforma parti mill-Ordinament tagħna (artikolu 988 sa 1003 Kap. 12) fis-sentenza tas-26 ta' April, 1979: *The Sunday Times Case* (Series A Vol. 30), u fil-kamp li jinteressa din il-kawża, dak politiku, fis-sentenza Lingens Case tat-8 ta' Lulju, 1986 (Series A Vol. 103);

F'dan l-aħħar każ – li s-sentenza tiegħu ġiet esebita mill-konvenuti, quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad – il-ġurisprudenza ġiet amplifikata fis-sens li ġej:-

*Freedom of the press furthermore affords the public, one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attidues of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic*

*society which prevents throughout the Convention;*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt article 10 (2) enables the reputation of others – that is to say, of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity but in such cases, the requirements of such protecton have to be weighed in relation to the iterests of open discussion of political issues". (ibid pag. 26);*

19. Id-distinzjoni bejn id-dinja politika u l-bqija, għal dak li jinteressa d-drittijiet ta' espressjoni permezz ta' l-istampa, mhix ġdida għas-sentenzi tagħna. Biżżejjed jissemmew serie ta' sentenzi ppronunzjati f'dawn l-aħħar snin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bħal, per eżempju, dik tat-2 ta' Novembru, 1989, F. Coleiro vs. M. Schiavone et; *tat-8 ta' Jannar, 1990*, Dr. K. Wain vs F. Agius et; u 11 ta' Jannar, 1990, Onorevoli M. Borda vs Onorevoli S. Sant. Ma' din id-dinja politika, ġiet ukoll assimilata d-dinja sindikalista, speċjalment f'dawk il-każijiet fejn it-"Trade Union" tidħol "*tout court*" fil-lotta politika – 12 ta' Jannar, 1990. K. Abela vs F. Agius et – tliet sentenzi fl-istess ismijiet – ċitazzjonijiet numri 708, 709 u 710 ppronunzjati fl-istess data;

20. L-aħħar *punt ġurisprundenzjali li jinteressa* dan l-appell, huwa li kull artikolu impunjat irid jitpoġġa kontra l-isfond ta' l-attwalità, kontemporanea għall-artikolu:-

*"However, since the case concerned Mr. Kreisky in his capacity as a politician, regard must be had to the background aganist which these articles were written". (ibid. pag. 27);*

Lingens kien gurnalist u kiteb arikolu fuq "*political issues of public interest in Austria*" u fihom, fil-konront ta' Kriesky, Kanċillier ta' l-Awstrija, akkużah b' "*basest opportunism*" u affibbjalu l-kwalifiki ta' "immoral" u "*undignified*";

Il-Qorti Ewropeja applikat dawn l-elementi ta' interpretazzjoni ta' l-artikolu 10 u kkonkludiet illi l-kundanna mill-Qrati Awstrijaċi ta' Lingens għall-malafama, kienet ikkontraveniet l-istess arikolu 10;

21. L-artikolu li minnu ttieħed dak li hemm ikkwotat fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza, huwa wieħed li jokkupaw kawżi żewġ terżi tal-paġina 12 tal-gazzetta "Il-Mument" ta' l-4 ta' Marzu, 1990 – Dok. A. Il-parti kkwotata hija l-paragrafu li jagħlaq l-artikolu li huwa ntitolat "Politika mingħajr fruntieri", u huwa artikolu bi pretensjoni ta' eżami generali tas-stiwazzjoni politika maltija u l-possibbilità ta' konġunzjoni futura ma' l-Ewropea. Fix-xhur preċedneti, jiġifieti Diċembru, 1989, Jannar u Frar, 1990, issuċċidiet tilwima sejra fil-lukanda Phoenicia bejn l-amministrazzjoni tal-lukanda u l-General Worker's Union, u għalhekk l-artikolista jagħmel riferiment għall-każ;

22. M'hemmx dubju għalhekk, illi hawnhekk qegħdin f'dik l-arena politika fejn id-dritt ta' espressjoni jrid jiġi ttollerat fi grad ħafna aktar mis-solitu jew min-normal;

Issa fil-każ, l-artikolista qed jikteb fuq Union ċjoè persuna ġuridika u mhux persuna fiżika, u allura l-grad ta' tolleranza

huwa l-ogħla wieħed possibbli għaliex tali "persuna" ma tippossedix dak l-element effettiv ta' sens, sensibbilità u sensittivita, li huma l-elementi li jissubixxu l-aktar ħsara fil-malafama. Malafama lill-persuna ġuridika fil-kamp politiku jew sindikali (attiva fil-kamp politiku), difatti, biex tiġi punita, trid proprju tkun intollerabbli għal soċjetà demokratika;

L-attur personalment, ma jisemmiex fl-artikolu. Huwa ħass ruħu malafamant billi huwa s-Segretarju Generali tal-General Workers' Union; attakk fuqha jimplika attakk fuqu; mhux *direttament imma indirettament. Il-Qorti tifhem illi ħafna drabi* attakk dirett fuq persuna ġuridika jkun paraventu għall-attakk dirett fuq il-persuna fiżika li ġeneralment tkun identifikata mal-persuna ġuridika, b'mod li l-attenzjoni ta' min jaqra, tiġi ffokata fuq il-persuna fiżika, u psikoloġikament, id-distinzjoni bejn iż-żewġ persuni tiġi hekk offuskata. Però,il-Qorti tikkonfessa illi l-qari tal-paragrafu impunjat ma setgħetx issib fih din it-"tattika" ġurnalistika ta' min irid jimmalafama l-persuna fiżika;

23. Il-paragrafu in kwistjoni ma jistax jingħad li jgħaddi mit-test tal-proporzjonalità bejn dak li l-artikolu "offenda, ixxokkja jew iddisturba", u ċ-ċensura tal-mlafama mitluba mill-attur, propio et nomine, meta wieħed iqis il-valur tal-kritika, ta' apprezament, ta' espressjoni ta' opinjoni u ġudizzju f'soċjetà demokratika u politikament plurasitika ma' ħtieġa tad-difiża ta' l-unur u l-isem tajjeb, tal-General Workers' Union u ta' l-attur Anglu Fenech, *in kwantu Segretarju ta' l-istess Union;*

24. Il-Qorti fl-aħħarnett, ma tistax ma tosservax illi essenzjalment fl-artikolu hemm reċita ta' fatti li l-verità tagħhom ġiet sostanzjalment stabbilita mill-partijiet, u xebh ta' dawk il-

fatti, ma' fatti oħra li l-qarrej ma jistax b'ebda mod jikkonfondihom fis-sens illi kull xebh huwa minnu innifsu kjarament il-prodott kulturalment soġġettiv ta' min jagħmlu u għalhekk huwa minnu nnifsu kjarament il-prodott kulturalment soġġettiv ta' min jagħmlu u għalhekk huwa espressjoni ċara, ta' *opinjoni soġġettiva* li, propju għaliex *magħmula f'termini* ta' tixbiha, ma tistax tinganna permezz ta' dik il-konfużjoni li tista' faċilment *tinħoloq meta* żewġ gruppi ta' fatti jiġu esposti u mħallta biex jiġu kważi identifikati;

Wara kollox, irid jiġi partikolarment apprezzat illi ix-xebh li rrikorra għalih l-artikolista huwa **mezz ta' argumentazzjoni** u l-argumentazzjoni bħala tali, dejjem tindika, almenu "prima facie" li l-awtur għandu l-iskop ta' kritika jew ta' apprezzament aktar milli skop ta' inġurja – li, ġeneralemnt, ma tantx toqgħod tintilef fil-prattika ta' l-argumentazzjoni;

Irid, imbagħad jiġi apprezzat, illi x-xebh, jew aħjar li jxebbah, jimplika illi min ikun qed ixebbah, ikun qed juża wieħed mill-aktar argumenti dgħajfa li huwa studjat fir-rettorika. Igħid infatti Paul Grenet fil-"*Les origines de l'analogie philosophique dans les dialogues de Planton (Boivin, Paris 1948)*

"Dak li hemm oriġinali fl-analoġija u li jiddistingwiha mill-identità parazjali, ċjoè mill-idea xi ftit banali tas-somiljanza, huwa li hija xebh ta' rapport u mhux rapport fix-xebh". (traduzzjoni libera – p.10);

25. Għaldaqstant għalkemm il-Qorti kellha għall-ewwel darba tidħol biex teżamina f' *materja* ta' libelli famużi, l-impatt ġdid tal-ġurisprudenza europea fuq il-ġurisprudenza tagħna, minħabba l-eċċezzjoni u l-insistenza tagħna preċedenti; ma kienx

ikun possibbli għaliha li tirritjeni li l-paragrafu impunjat ma kienx wieħed li ma jikkwalifikax bħala malafamanti billi kjarament huwa espressjoni ta' opinjoni kritika ta' operat ta' Union li, fl-istess opinjoni ta' l-awtur, tali operat jixbah operat ieħor ta' għaqda illegali u notorjament meqjusa bħala assolutament negattiva;

26. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa milqugħ u t-talbiet attriċi huma miċħuda;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għadhom jinqasmu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti, minħabba n-nuqqas tagħhom fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet, u terz mill-attur – waqt li dawk ta' l-appell, in vista ta' dak li ġiet trattat u deċiż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-attur, fil-kwalità tiegħu premessa, wara illi premetta: *illi l-konvenut* Carmelo Callus, editur u l-konvenut Paul Spiteri, Stampatur tal-ġurnal IL-MUMENT permezz tal-kitba taħt ir-ras "Politika mingħajr fruntieri minn Frank Attard" imxnadra fil-paġna tnax (12) tal-ħarġa *ta' l-imsemmi ġurnal tal-Hadd*, 4 ta' Marzu, 1990 (Dok A) taw malafama lill-istanti propio et nomine bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku; illi l-istanti propio et nomine, bħala parti offiża għandu dritt għad-danni kkontemplati fl-art. 28 tal- liġi ta' l-Istampa (Att XL ta' l-1974); talab għaliex din il-Qorti m'għandhiex:-

1. tiddikjara illi l-konvenuti, bl-istampat imsemmi, taw *malafama lill-istanti propio et nomine, 2. tillikwida d-danni* f'ammont li ma jeċċedix l-elfejn lira Maltija (LM2000) skond

il-liġi ta' l-Istampa; 3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-*istanti propio et nomine l-ammont li llikwidat u ddikjarat bħala* dovut in linea ta' danni kif ingħad;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma ngunti għas-subizzjoni;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti* illi biha eċċipew:

1. Illi ma hemm xejn libelluż jew malfamanti fl-artikolu "de quo" la fil-konfront ta' l-attur personalment u anqas fil-konfront ta' l-attur personalment u anqas fil-konfront tal-Ġeneral Workers Union;

2. Illi l-artikolu (sic) jirrifletti l-opinjonijiet tal-kittieb li tistà taqbel jew ma taqbilx magħhom iżda li huwa ntitolat għalihom skond id-dritt ta' espressjoni ħielsa ggrantita mill-kostituzzjoni u mill-konvenzjoni Ewropea;

3. Illi l-konvenut Spiteri ma qarax l-artikolu in kwistjoni qabel il-pubblikazzjoni;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebit;

Rat in-noti ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eċċipew:

Ikkunsidrat:

1. Illi ma hemm xejn libelluż jew malafamanti fl-artikolu "de quo" la fil-konfront ta' l-attur personalment u anqas fil-konfront tal-General Workers Union;

2. il-konvenuti Carmelo Callus u Paul Spiteri kienu rispettivament l-editur u l-istampatur tal-gazzetta "Il-Mument" meta deher l-artikolu in kwistjoni u;

3. il-konvenut Paul Spiteri ma kienx qara l-artikolu in kwistjoni qabel ma ġie ppublikat;

Ikkunsidrat:

Illi, kif jirriżulta mid-disposizzjoni ta' l-attur tas-sitta (6) ta' Gunju, 1990, l-ilment ta' l-attur propio et nomine huwa dwar il-parti illi hawn taħt tidher sottolineata, is sottolinear sar mill-Qorti ta' l-aħħar paragrafu ta' l-artikolu in kwistjoni hawn ċċitat in parte;

"Il-GWU jekk hi kapaċi twaqqa' l-fruntieri tagħha u tinqata' mis-soċjaliżmu, tista' xi darba tikseb kredibilità .... **il-Mafjużi, meta jagħtu xi tiri fuq xi ħadd, imorru għall-funeral tiegħu b'turija ta' solidarjeta. Hekk għamlet il-GWU meta tellfet il-ħobż lill-ħaddiema, sejħet il-ħaddiema, sejħet il-ħaddiema l-oħra b'turija ta' solidarjetà mat-telliefa ...** ";

Illi m'hemmx dubju illi l-kliem hawn iċċitat u sottolineat l-artikolista ekwipara l-aġir tal-GWU mal-"Mafjużi" illi wara illi volontarjament jisparaw fuq persuna u joqtluha, imorru għall-funeral tagħha ta' turija ta' solidarjetà. Fil-fehma tal-Qorti din l-ekwiparazzjoni tammonta għal inġurija u malafama lill-General Workers Union illi tagħha l-attur, kif jaqblu l-kondenti, għandu

r-rapreżentaza ġuridiku u illi tagħa l-attur, kif xehed huwa ma ġiex kontradett, huwa l-każ effetiv. Għalhekk kif tajjeb issottometta l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu huwa ġie *malafamat kemm propio u kemm nomine*;

Ikkunsidrat:

Illi bit-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti issottomettew illi l-artikolu in kwistjoni:

"*...jirifletti l-opinjonijiet tal-kittieb li tista' taqbel jew ma taqbilx magħhom iżda li huwa ntitolat għalihom skond id-dritt ta' espressjoni ħielsa ggarantita mill-kostituzzjoni u mill-konvezjoni Ewropea*";

Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-eċċezzjoni għaliex id-dritt tal-libertà ta' Malta (art 41 (1) ) u mill-konvenzjoni Ewropea jew aħjar il-konvenzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (artikoli 10 (1) ) mhux illimitat (ara art 41 (2) ) tal-kostituzzjoni u l-artikolu 10 (2) tal-konvenzjoni Ewropea);

Fil-fehma tal-Qorti l-artikolista in kwistjoni bil-kliem lamentat mill-attur abbuża mid-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni u inġurija lill-attur propio et nomine kif hawn fuq ingħad;

Huwa utli illi jingħad f'dan il-kuntest illi meta wieħed jaqra l-artikolu kollu in kwistjoni kif għamlet il-Qorti wieħed ma jifhimx malajr x'għandu x'jaqsam il-paragrafu lamentat mill-attur mal-komplament ta' l-arikolu. Infatti b'eċċezzjoni ta' dak illi hemm fl-aħħar paragrafu ta' l-artikolu in kwistjoni l-General

Workers Union ma tissemma xejn, għalkemm jidher illi hemm riferenza velata għaliha fil-paragrafu illi jibda bil-kliem "Jekk partit politiku jfalli...";

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom għamlu riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Lingens case** mogħtija fit-8 ta' Lulju, 1986, u b'nota tat-23 ta' April, 1991, esibew kopja fotostatika ta' l-istess sentenza. Din il-Qorti eżaminat din is-sentenza u hija tal-fehma illi minnha ma jirriżultax illi ġie stabbilit xi prinċipju ġenerali fis-sens illi kull opinjoni espressa minn artikolista dak – illi fis-sentenza jissejjaħ "value – judgement" – ma tista' qatt tkun ingurjuża. F'din is-sentenza l-Qorti li emanataha wara illi qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ illi kellha quddiemha waslet għall-konklużjoni illi (paragrafu 47 tas-sentenza);

"it appears that the interference with Mr. Luigen's exercise ot the freedom of expression was not 'necessary in a democratic society... for the protection of the reputation of others; it was disproportionate to the legitimate aim persued. There was accordingly a breach of Article 10 of the Convention."

Ikkunsidrat:

Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti għalkemm kif ġià ngħad mhux ikkontesta bejn il-kondenti illi il-konvenut Paul Spiteri ma qarax l-artikolu in kwistjoni dan ma jġibx l-effett illi l-istess konvenut ma jistax jinstab responsabbli għall-inġurja jew malafama iżda jista' jkollu biss effett fuq il-"quantum" tad-danni illi eventwalment l-istess konvenut jista' jiġi kkundannat

illi jħallas;

Ikkunsidrat:

*Illi kwantu għad-danni dawn qed jiġu llikwidati globalment* fl-ammont ta' ħames mitt lira (LM500) illi minnhom erba' mija u ħamsin lira għandhom jitħallsu mill-konvenut Carmelo Callus u ħamsin lira (LM50) mill-konvenut Paul Spiteri. Fil-likwidazzjoni ta' dawn id-danni l-qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ senjatament il-gravità ta' l-inġurja u l-ħsara illi tistà tagħmel lir-reputazzjoni li l-attur kemm proprio u kemm nomine u l-fatt illi l-kliem inġurjuż ġie inkluż fl-artikolu in kwistjoni mingħajr ma jidher illi huwa relatat mal-kumplament ta' l-istess artiklu;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti b'dan illi t-tielet (3) eċċezzjoni qed tiġi respinta fis-sens illi qed jiġi ddikjarat illi l-fatt ippruvat illi l-konvenut Spiteri ma qarax l-artikolu in kwistjoni ma jeżonerax lill-istess konvenut. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur proprio et nomine, tilqa' t-tieni (2) talba ta' l-attur proprio et nomine billi tillikwida d-danni illi għandhom jitħallsu lilu mill-konvenut Carmelo Callus fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin lira (LM450) u mill-konvenut Paul Spiteri fl-ammont ta' ħamsin lira (LM50) b'kollox ħames mitt lira (LM500) u tilqa' t-tielet (3) talba ta' l-attur proprio et nomine billi tikkundanna lill-konvenuti Carmelo Callus u Paul Spiteri sabiex iħallsu rispettivament is-somma ta' LM450 u ta' LM50 lill-attur proprio et nomine in linea ta' danni;

Tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża jiġu ssopportati kwantu

għal disa' partijiet minn għaxra (9/10) mill-konvenut Callus u kwantu għal deċimparti (1/10) mill-konvenut Spiteri.